

# XBIEHA TA' SANTA LUĊIJA FI KWADRU FIL-KOLLEĠĠIATA TA' BORMLA

Mario Fenech

Wieħed mill-Kwadri sbieħ li nsibu fil-Kolleġġjata tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla huwa dak tal-Madonna tal-Grazzja.

Dan il-Kwadru li l-lum qiegħed fis-Sagristija ta' din il-Kolleġġjata qabel kien fuq l-Artal li kien hemm fil-Kappella biswit il-Kappellun ta' Santa Katerina.

L-Artal u l-Kwadru kienu tneħħew biex minn flokhom saret in-Niċċa tal-Istatwa Titulari tal-Immakulata ftit taż-żmien ilu.

L'Oriġini ta' dan l-Artal li għal bidu tat-twaqqif tiegħu kien magħruf bħala dak tat-Twelid tal-Madonna tmur lura lejn is-sena 1627 meta kien żar il-Knisja l-Isqof Cagliares li fir-rapport tal-Vista Pastorali tiegħu kiteb li dan kien twaqqaf minn Mastru Enrico Żerafa.

Fir-Rapport tal-Vista Pastorali tal-Isqof Molina nsibu tagħrif li fuq dan l-Artal tal-Madonna tal-Grazzja kienet twaqqfet il-Fratellanza tal-Agunija bl'approvazzjoni tas-Santa Sede nhar l-20 t'Ottubru 1649.

F'dan l-istess rapport tal-Isqof Molina nsibu li l-Isqof Cagliares fuq talba li kienet saritlu kien għadda dan l-Artal f'idejn Enrico Żerafa u Lucretia Giugli nhar is- 16 ta' Jannar 1630.

Il-Kwadru huwa xogħol li ħareġ mill-iskola tal-Artist Antoine Favray u fih naraw il-Figura tal-Madonna bil-qegħda fuq Tron ta' sħab abjad bil-Bambin Ġesu bil-wieqfa f'ħoġorHa. B'IdejHa x-xellugija qiegħda żżomm lil Binha Ġesu fil-waqt b'idejHa l-oħra merfugħa 'l fuq qiegħda żżomm t-tarf tad-drapp abjad li bih huwa mlibbes Ġesu Bambin.

Il-Ħarsa tal-Madonna qiegħda lejn il-Qaddisa bil-wieqfa fuq in-naħa tal-lemin tal-Kwadru. Lill Santa Luċija, li l-ħarsa tagħha hija ukoll merfugħa 'l fuq lejn il-Madonna, narawha bis-simboli tal-Martirju tagħha. L-Għajnejn fuq plattin f'idejha kif ukoll bil-palma f'idejha l-oħra.

Il-figura ta' Santa Luċija f'dan il-Kwadru ġiet mogħtija mportanza partikolari. Dan narawh fil-fatt li qegħda bil-wieqfa b'ilbies rikk u kkulurit u b'dettalji partikolari fil-panneġġi.

Il-Kwadru huwa wieħed kompless għaliex fih jidher ukoll Sant'Antnin b'idejh ma xulxin għarkupptejh b'rasu baxxuta bil-Ktieb miftuh u l-Ġilju quddiemu.

Bejn dawn iż-żewġ Qaddisin fil-parti t'isfel tat-tila jidhru ukoll l-Erwieh tal-Purgatorju, filwaqt li fil-parti ta' fuq tal-Kwadru numru t'Anġli żgħar qegħdin jagħtu Ġieh u Glorja lill-Madonna.

Il-kwalita kemmxejn fqira li biha huma mpinġija dawn l-Anġli meta wieħed iqabbilhom mal-figuri l-oħrajn f'dan il-Kwadru għandu jinnota li x'aktarx li dawn ġew miżjuda minn xi alliev differenti li kien għadu fil-bidu tal-karriera tiegħu.
Kwadru sabiħ li jixraqlu l-attenzjoni biex jibqa jitgawda minn dawk li jersqu lejh kemm b'devozzjoni, kif ukoll b'ammirazzjoni lejn xogħolijiet Artistiċi tassew sbieħ.

